



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10883/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0274 (NLE)

WTO 188
AGRI 346
UD 162
COASI 186

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: l-unjoni ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

FTEHIM
FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA
B'RABTA MA' DS492: L-UNJONI EWROPEA -
MIŻURI LI JAFFETTWAW IL-KONĊESSJONIJIET TARIFFARJI
GĦAL ĊERTI PRODOTTI TAL-LAĦAM TAL-POLLAM

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Eċċellenza,

Għandi l-unur niktiblek biex ninfurmak dwar it-tilwima tad-WTO msemmija hawn fuq u r-riżultati tan-negozjati tagħna lejn soluzzjoni bi qbil reċiproku.

L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ dawn il-Kwoti Tariffarji (TRQ)¹:

- TRQ ta' 6 060 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3929 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 6 000 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota
- TRQ ta' 660 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3985 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 600 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota
- TRQ *erga omnes* ta' 5 000 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3219, b'rata ta' dazju ta' 8 % fi ħdan il-kwota

L-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika. L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ it-TRQs imsemmija hawn fuq mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

¹ L-allokazzjoni liċ-Ċina għall-ewwel żewġ TRQs hija bi qbil mat-Tajlandja.

Wara l-ftuħ tat-TRQs, l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw dan il-Ftehim lill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (DSB - Dispute Settlement Body) bħala soluzzjoni bi qbil reċiproku skont l-Artikolu 3.6 tad-DSU b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam. Abbażi ta' dan, iċ-Ċina tikkonferma li, fir-rigward ta' DS492, la ser titlob il-bidu tal-proċeduri skont l-Artikolu 21.5 tad-DSU u lanqas ma ser titlob is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew obbligi oħra skont l-Artikolu 22.6 tad-DSU, sakemm l-Unjoni Ewropea tkun konformi mal-obbligi kollha tagħha skont dan il-Ftehim.

Napprezza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.

Għandi l-unur nipproponi li, jekk dan ta' hawn fuq huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina.

Dejjem tiegħek,

Cc. It-Tajlandja

Għall-Unjoni Ewropea

B. Ittra miċ-Ċina

Eċċellenza,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

“Għandi l-unur niktiblek biex ninfurmak dwar it-tilwima tad-WTO msemmija hawn fuq u r-riżultati tan-negozjati tagħna lejn soluzzjoni bi qbil reċiproku.

L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ dawn il-Kwoti Tariffarji (TRQ)¹:

- TRQ ta’ 6 060 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3929 (b’allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta’ 6 000 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b’rata ta’ dazju ta’ 10,9 % fi ħdan il-kwota
- TRQ ta’ 660 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3985 (b’allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta’ 600 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b’rata ta’ dazju ta’ 10,9 % fi ħdan il-kwota
- TRQ *erga omnes* ta’ 5 000 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3219, b’rata ta’ dazju ta’ 8 % fi ħdan il-kwota

L-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika. L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ it-TRQs imsemmija hawn fuq mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

¹ L-allokazzjoni liċ-Ċina għall-ewwel żewġ TRQs hija bi qbil mat-Tajlandja.

Wara l-ftuħ tat-TRQs, l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw dan il-Ftehim lill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (DSB - Dispute Settlement Body) bħala soluzzjoni bi qbil reċiproku skont l-Artikolu 3.6 tad-DSU b'rabta ma' DS492: LUnjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam. Abbażi ta' dan, iċ-Ċina tikkonferma li, fir-rigward ta' DS492, la ser titlob il-bidu tal-proċeduri skont l-Artikolu 21.5 tad-DSU u lanqas ma ser titlob is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew obbligi oħra skont l-Artikolu 22.6 tad-DSU, sakemm l-Unjoni Ewropea tkun konformi mal-obbligi kollha tagħha skont dan il-Ftehim.”

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi ma' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

Għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
